# Il-Vari Proċessjonali fil-Knisja Parrokkjali ta' Ta' Xbiex

Victor Caruana B.A(Hons), MA Storja tal-Arti

Wieħed mill-aktar aspetti interessanti fl-arti sagra li nsibu fil-knejjes Maltin huwa li din mhux biss iżżejjen dawn it-tempji u tfakkar lill-ispettatur fil-ħajja u l-virtujiet tal-padrun/a tal-knisja partikolari iżda wkoll tirrifletti l-istorja tal-istess binja. Dan għax il-Maltin ta' kull żmien u perjodu dejjem raw li fost l-aktar xogħlijiet ewlenin li jagħmlu, ikun hemm dik li jiddekoraw id-dar t'Alla bl-arti li toħroġ minn uħud mill-aqwa artisti li kien hemm dak iż-żmien, kemm fis-soqfa u anke fuq l-artali. Allura, biżżejjed wieħed iħares lejn l-artisti u l-istil li ħaddnu f'xogħolhom sabiex ikollu idea tal-istorja tal-bini u d-dekorazzjoni tal-knisja.

It-tempji Barokki li jikkaratterizzaw l-irħula u l-ibliet antiki Maltin huma eżempju ċar ta' dan fejn f'xi wħud minnhom – fosthom il-Bażilika ta' Santa Liena f'Birkirkara u l-knejjes Parrokkjali ta' Ħal Lija u Ħal Balzan - insibu varjetà t'arti Barokka fix-xogħlijiet ta' Francesco Zahra, Gian Nikola Buhagiar u Mattia Preti, arti Romantika fit-tili ta' Giuseppe Calì u Carlo Ignazio Cortis u arti aktar moderna fil-pitturi ta' Gianni Vella u Emvin Cremona, fost oħrajn. Dawn kollha huma indikazzjonijiet tal-kronoloġija tal-iskema dekorattiva li ntużat f'dawn it-tip ta' knejjes. Dan ma jgħoddx għall-pitturi biss. Il-vari li nsibu fil-knejjes ukoll huma frott tal-istorja tal-parroċċa, inklużi il-fratellanzi li nsibu fiha. Vari titulari Barokki u vari tal-Madonna tar-Rużarju mnaqqxin fl-injam ġeneralment jirriflettu parroċċa antika filwaqt li vari fil-kartapesta maħduma minn Carlo Darmanin, Gerolamo Darmanin jew skulturi bħal Salvatore Psaila u Alessandro Farrugia jirriflettu twaqqif u tisħiħ ta' fratellanzi matul is-seklu dsatax u devozzjonijiet qawwija li stabilixxew rwieħhom fil-parroċċi partikolari.

Fil-każ tal-parroċċa ta' Ta' Xbiex iddedikata lil San Ġwann tas-Salib, is-sitwazzjoni hija pjuttost differenti. Dan minħabba li peress li hija parroċċa relattivament żagħżugħa – twaqqfet fl-1 ta' Ġunju 1969 – l-istil li bih inbniet din il-knisja jmur 'il bogħod mill-elementi u l-gosti dekorattivi goffi tal-knejjes Barokki. L-istil bażilikali li bih issawret din il-binja jiċċelebra s-sempliċità li kkarratterizzat il-bażiliċi li kienu nbnew bejn is-sekli erbgħa u tlettax b'mod speċjali f'Ruma, Milan, Ġenova u Ravenna.[1] Għaldaqstant, hija limitata f'dak li hu preġju artistiku tradizzjonali tal-pittura u l-iskultura. Minkejja dan, però, il-ftit vari li nsibu meqjuma f'din il-knisja jirriflettu mhux biss l-abbiltajiet tal-istatwarju li ħadimhom iżda wkoll huma mera tal-gosti fl-arti sagra Maltija fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin.

## Il-Vara Titulari ta' San Ġwann tas-Salib

Ma setax jonqos li l-ewwel vara li ġiet ikkummissjonata għall-parroċċa ta' Ta' Xbiex kienet dik tal-qaddis padrun tal-parroċċa – *San Ġwann tas-Salib*. Din ix-xbiha nħadmet fil-kartapesta mill-istatwarju Għawdxi Alfred Camilleri Cauchi (t.1943) fl-1981. Dan l-artist kien wieħed mill-aktar statwarji mfittxija f'dak il-perjodu fejn kien qed jikseb popolarità kbira permezz tal-istatwi li kien qed jaħdem kemm għat-tiżjin tat-toroq u pjazez matul il-festi Sajfin kif ukoll għall-użu fil-purċissjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa, bħal pereżempju r-rappreżentazzjonijiet ta' Kristu jiltaqa' m'Ommu (1980), Kristu jinħall minn mal-Kolonna u Kristu flimkien ma' Xmun iċ-Ċirinew (1981)

[1] Anġeliku M. Busuttil, 'Ta' Xbiex – San Ġwann tas-Salib', Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi Tagħhom, Vol. III, Malta 1994, p.187.

għall-parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi. L-istil Barokk-Klassiku li wieħed isib fix-xogħlijiet ta' Camilleri Cauchi kien qed jintgħoġob mhux ftit u għalhekk ma kenitx sorpriża li l-vara titulari ta' *San Ġwann tas-Salib* kellha toħroġ minn taħt idejh.



F'din ix-xbiha naraw lill-qaddis mistiku wieqaf fuq blata, iħares lejn is-salib kbir li qed iżomm b'idu x-xellugija. Taħt is-salib naraw ukoll berrettin li qed iserraħ fuq ktieb miftuħ li fuqu hemm il-kliem '*Inbati u nkun immaqdar għalik'*. Il-figura tal-qaddis Spanjol hija murija f'qagħda movimentata li l-Kav. Alfred Camilleri Cauchi tant huwa sinonimu magħha. Fil-każ ta' dan il-qaddis, madanakollu, l-enfażi fuq il-moviment tiegħu għandha l-iskop li tfakkar u tissimbolizza l-enerġija spiritwali li tant baqa' magħruf għaliha minkejja t-tbatijiet li għadda minnhom matul ħajtu. Camilleri Cauchi jpoġġi wkoll importanza kbira fuq is-salib li tant kien kruċjali fil-ħajja qaddisa ta' San Ġwann. Dan narawh mill-fatt li l-artist jagħmel użu minn salib b'bixra reali magħmul minn zkuk tondi u pjuttost ħoxnin f'din il-kompożizzjoni minflok xi salib pulit u żgħir li l-personaġġ partikolari jkun jista' jżommu f'idejh kif naraw fix-xbihat ta' qaddisin oħra bħal Santa Rita jew Santa Tereża tal-Bambin Ġesù. Dan it-tip ta' salib ifakkar aktar fit-tbatija ta' Kristu u għalhekk, jispjega aktar il-ħsibijiet teoloġiċi tal-qaddis.

San Ġwann għandu poża li fiha huwa qed iserraħ fuq sieqU x-xellugija *b'contraposto* filwaqt li l-oħra qiegħda mitfuħa ftit lura qisu għadu kemm niżel minn fuq il-blata li fuqha din is-sieq qiegħda sserraħ. Apparti dan, il-ġest tal-id li qed tħaddan is-salib huwa bbilanċjat permezz tal-id l-oħra li tinsab miftuħa 'l barra minn ġismu b'sinjal ta' qima u stagħġib. Din il-qagħda tal-qaddis tisraq l-attenzjoni tal-ispettatur anke permezz tal-mudellatura tal-panneġġi kbar u wiesa' tal-libsa kannella u l-iskapular Karmelitan li għandu fuqu, fejn f'dan tal-aħħar il-pjiegi huma mitfugħin lejn is-salib b'linji djagonali sabiex flimkien mal-ħarsa devozzjonali li għandu fuq wiċċu, jixħet finalment għajnejn l-ispettatur fuq is-salib li tant huwa kruċjali f'din il-kompożizzjoni artistika. Aktar moviment qed jinħoloq ukoll permezz tal-kappa li qed tintelaq minn fuq spallejn il-figura u fejn fuq naħa tidher nieżla 'l isfel filwaqt li donnha qed tinħakem minn żiffa ħelwa u n-naħa l-oħra tidher ħierġa minn wara l-qaddis u nqabdet u weħlet ma' parti tas-salib u li b'hekk toħloq dettall interessanti f'din il-vara.

Alfred Camilleri Cauchi ifakkar lill-ispettatur fit-titlu ta' Duttur Teoloġiku tal-Knisja li jgawdi San Ġwann tas-Salib permezz tal-berrettin iswed li naraw impoġġi fuq il-ktieb miftuħ li hemm taħt is-salib. Il-ktieb innifsu jissimbolizza l-kitbiet u l-poeżiji li huwa kiteb tul ħajtu u li għamlu lil dan il-qaddis fundatur tal-Karmelitani Skalzi wieħed mill-aktar qaddisin importanti tal-Knisja Kattolika.

**Il-Vara ta' Santa Tereża t'Avila**

Sena wara l-wasla tal-vara ta' *San Ġwann tas-Salib* fil-parroċċa ddedikata lilu, waslet il-vara ta' qaddisa mistika Spanjola u fundatriċi tal-Ordni tal-Karmelitani Skalzi – Santa Tereża ta' Avila. Din

ix-xbieha saret fl-okkażjoni tal-400 sena anniversarju mill-mewt tal-istess qaddisa.[2] Minħabba li San Ġwann tas-Salib u Santa Tereża t'Avila mhux biss kienu qrib xulxin matul ħajjithom iżda anke kienu simili fl-esperjenzi mistiċi u spiritwali tagħhom, fl-arti spiss insibuhom jakkumpanjaw li xulxin. Nistgħu ngħidu għalhekk, li fl-arti Karmelitana dawn iż-żewġ qaddisin Spanjoli jiffurmaw par li huma simili għal San Pietru u San Pawl għar-Reliġjon Kattolika universali.



Il-vara ta' *Santa Tereża t'Avila* turi lill-qaddisa wieqfa fuq il-blat u b'ħarsitha lejn l-ispettatur filwaqt li f'idha l-leminija qed iżżomm pjuma u bl-oħra qeda żżomm ktieb miftuħ li qed iserraħ ma' sieqha l-leminija. Din is-sieq tinsab mgħollija 'l fuq fuq parti mill-blata ta' taħt il-qaddisa f'pożizzjoni ta' *contraposto*. Ir-rappreżentazzjoni hija nieqsa mill-moviment li jikkaratterizza x-xbieha ta' *San Ġwann tas-Salib* iżda xorta għandha pożizzjoni ħajja grazzi għall-mudellatura tal-panneġġi li huma tipiċi tax-xogħol ta' Camilleri Cauchi tal-perjodu. L-aktar li tolqot l-għajn hija l-parti fejn il-kappa tinġabar fuq sieq il-qaddisa u qed iżżomm f'postha grazzi għall-ktieb kbir li jfakkar fil-kitbiet magħrufa tal-qaddisa. Fl-istess parti naraw l-iskapular Karmelitan li wkoll jinsab maqbud taħt il-ktieb u li joħloq panneġġi sbieħ u djagonali li flimkien mal-pjiegi tal-libsa kannella skura li jidhru nieżlin minn mal-irkoppa, joħolqu ftit moviment li jikkuntrasta mal-mod sempliċi u naturali li l-kappa tal-qaddisa qeda tiddendel minn fuq l-ispalla leminija tagħha. Il-ġest tal-id bil-pjuma - li tinsab ftit mgħollija 'l fuq bħalikieku l-qaddisa se tkompli tikteb il-frażi li naraw fuq il-ktieb u li hija l-motto ta' din il-qaddisa: *Aut Pati, Aut Mori* (jew sofri jew mut) - juri moviment iżda delikatezza fl-istess ħin, anke minħabba l-mod kif is-swaba tal-figura ġew impoġġija.

**Il-Vara ta' Marija Addolorata**

Għal numru ta' snin, l-uniċi żewġ statwi li wieħed seta' jsib fil-knisja parrokkjali ta' Ta' Xbiex kienu dawn li għadna kemm semmejna: il-vara titulari ta' *San Ġwann tas-Salib* u l-vara ta' *Santa Tereża t'Avila*. Madanakollu, fl-2003 waslet fil-parroċċa vara oħra tal-kartapesta li tirrappreżenta lil *Marija Addolorata*. Din ix-xbiha hija wkoll xogħol tal-Kav. Alfred Camilleri Cauchi u saret sabiex tintuża għall-purċissjoni votiva u penitenzjali li ssir fil-lokalità ġimgħa qabel il-Ġimgħa Mqaddsa kif jiġri fil-maġġoranza tal-knejjes Maltin.

Il-vara turi lill-Madonna wieqfa fuq blata, b'ħarsa mimlija dieqa u niket indirizzata lejn id-devot li jkun qed iħares lejha. Bħal kif inhu pjuttost komuni fl-ikonografija ta' dan is-suġġett, il-figura għandha idejha mniżżlin 'l isfel u magħluqin flimkien – ġest li jirrifletti d-dwejjaq u deżolazzjoni tar-ruħ. Ma' dawn l-idejn qed iserraħ il-mant ta' kulur kaħlani ċar li nieżel mal-ispalla tal-Madonna u jgħatti parti sostanzjali tan-naħa leminija tal-figura, b'mod speċjali minn qaddha 'l isfel. Ras il-Madonna hija mgħottija b'velu bajdani bi ftit bizzilla fit-truf u li jinżel għal fuq spallejn l-omm imnikkta u b'hekk jagħti aktar volum lill-figura. Quddiem Marija Addolorata naraw puttin żgħir

[2] A.M. Busuttil, Malta 1994, p.190.

imdawwar f'terħa ta' lewn ħadrani ċar. Dan qiegħed bilqiegħda fuq l-istess blata tal-personaġġ prinċipali tal-kompożizzjoni u qed iħares dirett lejn l-ispettatur filwaqt li jżomm f'idejh il-kuruna tax-xewk u l-imsiemer li bihom Kristu kien imsallab mas-salib. L-inklużjoni tal-puttin li jakkumpanja lill-Verġni mnikkta hija aktar komuni fil-vari tal-istess suġġett li iżda jkunu parti minn sett ta' vari tal-Ġimgħa Mqaddsa u li fihom il-Madonna tkun murija bilqiegħda mnikkta taħt is-salib, kif naraw fir-rappreżentazzjonijiet tad-Duluri fil-knisja ta' Ġieżu tal-Belt, fil-parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi u Ħaż Żebbuġ (f'dan tal-aħħar naraw ukoll il-figura ta' San Ġwann). Fil-kompożizzjoni artistika tal-vara ta' Ta' Xbiex, ma nsibu l-ebda relazzjoni jew tip ta' komunikazzjoni bejn iż-żewġ figuri, bħallikieku t-tnejn qed jinstabru għal rashom. Il-fatt li t-tnejn qed iħarsu lejn id-devot, però, jagħmel aktar impatt fuq l-emozzjonijiet spiritwali ta' min iħares lejn il-vara, u dan forsi jpatti xi ftit għall-każ fejn fiċ-ċokon tal-kompożizzjoni, l-attenzjoni tal-ispettatur ma' tmurx kollha fuq il-Madonna minħabba l-preżenza tal-puttin.



Minkejja li l-poża hija komuni għal xbihat oħra tad-Duluri li nsibu f'pajjiżna, bħal ngħidu aħna dik fil-parroċċa tas-Siġġiewi, fil-Bażilika ta' Santa Liena f'Birkirkara u fil-vara l-kbira tal-Mosta (kollha xogħol ta' Carlo Darmanin) din il-vara f'Ta' Xbiex hija xi ftit differenti fil-kuluri tal-ilbies tagħha. Dan għax kemm il-polikromija magħżula u t-tonalitajiet tagħha huma pjuttost ċari meta mqabbla mal-maġġoranza tal-vari tad-Duluri li nsibu f'pajjiżna u li ġeneralment ikunu ddominati mill-kuluri vjola u ikħal skur.

Meta mqabbla mall-bqija tal-vari li Alfred Camilleri Cauchi ħadem għall-istess knisja, din il-vara turi wkoll differenza fl-istil tal-artist. Dan għax filwaqt li l-vari taż-żewġ qaddisin Karmelitani Spanjoli huma kkaratterizzati minn pożi pjuttost qawwija u panneġġi kbar u wisgħin sinonimi mal-istil tal-Barokk Klassiku li l-istatwarju kien iħaddan fis-snin tmenin tas-seklu l-ieħor, din il-vara tad-Duluri hija nieqsa minn kull moviment eċċessiv u l-pjiegi tal-ilbies huma aktar delikati u numerużi. Forsi wieħed jista' korrettament jaħseb li n-nuqqas ta' pożi drammatiċi f'din ix-xbiha huma dovuti għall-fatt li s-suġġett jitlob li l-vara tkun aktar devota milli tispikka u timpressjona għall-qagħda tagħha. Biss, din mhijiex regola għall-verżjonijiet ta' Marija Addolorata kollha li ħarġu minn idejn l-istess artist għax jekk inħarsu lejn vari oħra tiegħu tal-istess suġġett, bħal dik tal-Balluta, il-Fgura u Santa Venera, naraw kif b'xi mod jew ieħor kollha għandhom dak il-ftit moviment fil-poża jew fil-panneġġi.

**Konklużjoni**

Minkejja li l-knisja parrokkjali ta' Ta' Xbiex hija nieqsa mill-aspetti dekorattivi li nsibu f'bosta knejjes oħra u hija nieqsa wkoll miċ-ċelebrazzjonijiet esterni brijjużi, it-tliet vari li nsibu fiha xorta juru bosta punti interessanti. Qabel xejn, dawn juru li arti sagra ta' livell artistiku tajjeb ma ssirx biss biex issebbaħ xi purċissjoni u tqanqal il-patrijottiżmu tan-nies li jwassal għal xi paraguni bejn xogħol artistiku u ieħor, iżda ssir ukoll għax l-arti għandha tgħin sabiex fis-sbuħija tagħha, tressaq aktar lid-devot lejn Alla. Quddiem vara sabiħa, in-Nisrani jħossu aktar komdu li jinġibed lejn ix-xbieha tad-divin għax tpoġġilu quddiemu immaġni umana li huwa jassoċċja ma' dak li qatt ma

ra u ma jistax jara. Dan minn dejjem kien punt kruċjali għall-popolarita' u l-użu tal-vari fil-purċissjonijiet Insara.

Apparti dan, dawn il-vari juru wkoll l-abbiltajiet tekniċi u artistiċi tal-istatwarju li sawwarhom. Il-bravura fil-mudellatura tal-uċuh u l-panneġġi tad-drapp kif ukoll il-pożi studjati tagħhom huma xhieda u jagħtu eżempju mill-aqwa ta' wieħed mill-aktar statwarji tal-kartapesta rikonoxxuti li nsibu f'pajjiżna. Id-distanza fis-snin bejn iż-żewġ vari ta' *San Ġwann tas-Salib* u *Santa Tereża t'Avila* ma' dik ta' *Marija Addolorata* jixħtu wkoll dawl fuq id-differenza fl-istil tal-artist minn perjodu għall-ieħor.

Fl-aħħar nett, l-istorja ta' dawn it-tliet vari tal-kartapesta fil-knisja parrokkjali ta' Ta' Xbiex juru wkoll il-gosti artistiċi tagħna bħala poplu. Dan għax filwaqt li l-artkitettura ta' binjiet sagri evolviet sabiex issib bilanċ bejn il-modern u l-antik b'rispett lejn l-użu li l-post ikun se jkollu, l-arti tal-iskultura baqgħet marbuta mal-istil tradizzjonali li jikkonsisti primarjament fil-gosti Barokki u Klassiċi kif naraw sew fil-każ ta' Ta'Xbiex. Vari u statwi b'laqta moderna jew kontemporanja donnhom ma tantx jidħlu fil-qlub tad-devot għalkemm ikollhom aktar merti fl-istorja tal-iskultura sagra Maltija. Dan il-punt jgħaqqad ma' dak li semmejna ftit 'il fuq, fejn appuntu l-bniedem donnu jrid jara immaġni li jifhem u li tissodisfalu l-gosti estetiċi tiegħu kemm bħala individwu u anke bħala soċjetà sabiex jersaq lejn u jitlob lid-divin. Fil-każ tal-iskultura sagra u l-bixra popolari li n-natura tagħha għandha, huwa diffiċli sabiex il-bżonnijiet reliġjużi u l-istil artistiku li jirrifletti ż-żmien li fih ikun sar jitwaħħdu f'opra waħda. Għal analiżi ta' dan il-fatt, m'hemmx eżempju aktar ċar minn dawn it-tliet vari fil-knisja parrokkjali ta' Ta' Xbiex.




fgp The Garage Door People

Serving You Since 1962

FGP Ltd. is Malta's longest established garage door manufacturer. We supply a full range of residential, commercial & industrial garage doors and gates, barriers, bollards, remote control automations as well as miscellaneous sheet metal works.

**INSULATED OVERHEAD SECTIONAL DOORS**

- Silent · Weather Sealed · Various Designs & Finished
- Residential & Industrial Doors · Competitive Prices
- Remote Control available



109, Valletta Road, Luqa LQA 1762 | T: 2166 7107/8, 2167 3627 | E: sales@fgp.com.mt | W: www.fgp.com.mt